# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' l-20 ta' Frar 2024**

**Talba nru. 341/2022**

**SIMONDS FARSONS CISK PLC**
**(C-113)**

***VERSUS***

**HUSH LIMITED ET**
**(C59457)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentatat fit-12 ta' Dicembru 2022 is-socjeta attrici talbet lill-konvenuti jew min minnom sabiex ihallsu l-ammont ta' elf tlett mija u wiehed u sittin Ewro (Eur 1,361) liema somma hija dovuta b'konnessjoni ma' valur ta' merca li gew mixtrija u kkonsejatsa mis-socjeta attrici lill-konvenuti. Illi l-konvenut Kevin Grima kien dahal garanti ghal kwalunkwe ammont ta' merca mixtrija mos-socjeta konvenuta Hush Limited. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali 1280/2022 u bl-imghaxijiet.

Ra illi l-konvenut Kevin Grima ipprezenta risposta fl-1 ta' Frar 2023 fejn eccepixxa illi kien irrizenja minn direttur tas-socjeta konvenuta fis-26 ta' Novembru 2014 u li ma kien hemm l-ebda ammont dovut minnu lis-socjeta attrici stante illi l-garanzija giet iffirmata fis-sena 2013 u ghaldaqstant japplika l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16.

Ra illi l-konvenut Kristian Sylvest Jorgensen minkejja li debitament notifikat fl-24 ta' Jannar 2023, baqa ma deherx ghas-seduta ta' l-20 t'April 2023 u lanqas dahhal risposta fit-terminu moghti lilu mil-ligi.

Ra l-kapitolu li gie ipprezentat mis-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenut Kristian Sylvest Jorgensen fis-seduta ta' l-20 t'April 2023.

Ra illi l-konvenut Kristian Sylvest Jorgensen naqas ukoll milli jidher ghas-seduta tal-25 ta' Mejju 2023 sabiex iwiegeb ghad-domandi in subizzjoni.

Ra illi s-socjeta attrici kellha tadopera l-procedura ta' l-affissjoni fil-konfront tas-socjeta konvenuta Hush Limited li saret fis-7 ta' Settembru 2023 kif jidher a fol. 24, kif ukoll il-pubblikazzjoni f'gazzetta tal-gvern (a fol.25) datata 7 ta' Settembru 2023 u f'gazzetta lokali datata 28 ta' Settembru 2023 (Fol. 29).

Ra illi fl-udjenza tas7 ta' Novembru 2023 minkejja illi s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-atti tal-kawza, ma dehere hadd sabiex jirraprezentaha jew xi difensur sabiex iwiegeb ghal pretizi attrici, kif ukoll ma giet ipprezentata l-ebda risposta fit-terminu moghti mil-ligi. Ghaldaqstant it-Tribunal iddikjara lis-socjeta konvenuta bhala kontumaci.

Ra l-kapitolu ipprezentat fil-konfront tas-socjeta konvenuta fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023.

Ra l-affidavit ipprezentat mis-socjeta attrici u d-dikjarazzjoni taghha li ma kelliex iktar provi.

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024, il-konvenuti Hush Limited u Kristian Sylvest Jorgensen baqghu ma dehrux.

Ra illi d-difensur tal-konvenut Kevin Grima iddikjara li kien ser jistrieh fuq il-provi migjiba mis-socjeta attrici partikolarment ghad-dokumenti ipprezentati.

Ra d-dokumenti pprezentati.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri.

Ra li din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din hija kawza sabiex is-socjeta attrici tithallas bilanc dovut ghal xiri ta' prodotti min-naha tas-socjeta konvenuta. Il-konvenuti Kevin Grima u Kristian Sylvest Jorgensen qed jigu msejjha jwiegbu ghat-talba attrici bhala firmatarji fil-pozizzjoni li kienu jokkupaw bhala diretturi filwaqt illi Kevin Grima kien iffirma wkoll bhala garanti tas-socjeta konvenuta. Kien biss il-konvenut Kevin Grima li ipprezenta eccezzjonijiet ghat-talba attrici filwaqt illi s-socjeta konvenuta u l-konvenut Kristian Sylvest Jorgensen huma kontumaci.

Illi socjeta attrici ipprezentat l-affidavit ta' George Cassar White li jokkupa l-kariga ta' Credit Control Manager mas-socjeta attrici li qal illi s-socjeta konvenuta kienet tiggestixxi hanut bl-isem Hush gewwa Portomaso u bdiet tixtri prodotti ta' xorb minghand is-socjeta attrici.

Illi kienet giet iffirmata credit application mid-direttur ta' dak iz-zmien Kevin Grima u Kristian Sylvest Jorgensen. Tali applikazzjoni kienet giet iffirmata mid-diretturi kemm fuq bazi personali kif ukoll ghan-nom tas-socjeta li kienu qed jirraprezentaw. Fil-fatt din l-applikazzjoni tghid illi: -

"*the directors and/or shareholders of the private company signing this agreement bind themselves personally to the Company which accepts in solidum together with the private company to performance of all the obligations under these terms and conditions of credit . . . . .  they shall be personally liable in solidum with the private company for the repayment of all overdue payments and interest due to the Company under this agreement.*"
Illi minbarra dan, il-konvenut Kevin Grima kien anke iffirma bhala garanti ghas-socjeta konvenuta u li l-firmatarji f'dan il-ftehim kellhom jibqghu vigenti anke jekk ikun hemm bdil fl-ismijiet tad-diretturi jew shareholders.

Illi fix-xhieda tieghu, r-rapprezentant tas-socjeta attrici jghid illi l-ahhar hlas akkont tal-bilanc kien sar fil-31 t' Ottubru 2019.  Izda wara dan il-pagament ma baqghux isiru hlasijiet ohra u ghad baqa l-bilanc ta' Eur 1,361 dovuti lis-socjeta attrici.

Illi t-Tribunal ser jghaddi l-ewwel biex jikkunsidra t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta u l-konvenut Kristian Sylvest Jorgensen li huma kontumaci.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi l-konvenuti baqghu ma ressqux risposti fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant ghalihom quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilom ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghhom sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenuti, ghalhekk, kienu gew dikjarati fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi min-naha l-ohra is-socjeta attrici ipproduciet xhieda permezz ta' affidavit fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2024 illi spjega l-bazi tat-talba attrici u l-ftehim li kien gie iffirmat bejn il-partijiet.  SPjega wkoll il-klawsoli u r-raguni ghaliex is-socjeta attrici titlob li d-diretturi jkunu marbuta personalment ghall-kreditu moghti lis-socjeta konvenuta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenuti izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenuti baqghu kontumaċi, dan

ma jfissirx li huma abbandunaw kull eċċezzjoni li setghu jaghmlu fil-kawża u ammettew d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Ghaldaqstant wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' ix-xhieda, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba minghand is-socjeta konvenuta u l-konvenut Kristian Sylvest Jorgensen u dan a bazi ta' dak li gie affermat bil-gurament mix-xhieda ipprezentata mis-socjeta attrici inkluz d-dokumenti pprezentati.

Illi ghar-rigward tal-konvenut Kevin Grima, huwa ecceppixxa illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 tal-Kap.16. Illi minkejja din l-eccezzjojoni, l-konvenut Grima ma gab l-ebda prova in sostenn ta' dan u lanqas ikkontesta dak li stqarr ir-rapprezentant tas-socjeta attrici illi l-ahhar hlasijiet saru fil-31 t'Ottubru 2019. Ghaldaqstant it-Tribunal ma jistax jilqa din l-eccezzjoni stante illi lanqas fl-argumenti finali ma regghet issemmiet din l-eccezzjoni.

Illi l-konvenut Grima strah fuq id-dokument ipprezentat illi huwa ma kienx ghadu direttur tas-socjeta konvenuta sa minn sena wara li gie iffirmat il-ftehim mas-socjeta attrici. Izda kif xehed ir-rapprezentant tas-socjeta attrici a bazi tad-dokument iffirmat, il-ftehim jorbot lil firmatarji kemm fil-kapacita taghhom ta' diretturi kif ukoll f'isimom personali. Minbarra dan, l-istess ftehim jistabilixxi illi kemm-il darba jkun hemm bdil fid-diretturi, s-socjeta attrici kellha tigi infurmata sabiex isir tibdil necessarju fil-ftehim. Kien ukoll fl-interess tal-konvenut Grima sabiex jaghmel dan kemm bhala garanti kif ukoll minhabba li kien espost fil-kapacita personali tieghu.

Illi r-rizenja minn direttur, ma tezonerax lill-konvenut mir-rabtiet kontrattwali li huwa dahal ghalihom mas-socjeta attrici, fil-vesti personali tieghu u bhala garanti ghal hlasijiet. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal ma jista qatt jillibera lill-konvenut Grima mill-obbligi naxxenti mill-ftehim iffirmat minnu.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejnietom sabiex ihallsu l-ammont ta' elf tlett mija u wiehed u sittin Ewro (Eur 1,361) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-12 ta' Dicembru 2022 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenuti.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur